

Brussell, 17 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9780/20

SAN 250
PHARM 29
SOC 465
MI 243
DEVGEN 104
FRONT 199

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 16 ta' Lulju 2020

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2020) 318 final

Suġġett: KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-istat ta' tnejn tal-UE fuq medda qasira ta' żmien fil-qasam tas-saħħa għal tifqigħat tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 318 final.

Mehmuż: COM(2020) 318 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2020
COM(2020) 318 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-istat ta' tħejjija tal-UE fuq medda qasira ta' żmien fil-qasam tas-saħħa għal tifqigħat
tal-COVID-19**

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-istat ta' tħejjija tal-UE fuq medda qasira ta' żmien fil-qasam tas-saħħa għal tifqigħat tal-COVID-19

I. INTRODUZZJONI

Il-pandemija tal-COVID-19, li għebet magħha waħda mill-aġhar kriżijiet fl-istorja reċenti, teħtieġ viġilanza kontinwa u azzjoni koordinata.

Għalkemm għad hemm ħafna li mhux magħruf, qed jinkiseb għarfien sinifikanti dwar il-marda nnifisha, it-trażmissjoni, il-prevenzjoni u t-trattament tagħha. L-Istati Membri, appoġġati mill-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-UE, qed iżidu l-kapaċità ta' ttestjar tagħhom, itejbu s-sorveljanza u jsaħħu l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa, pereżempju permezz ta' żieda fl-unitajiet ta' sodod ta' kura intensiva jew kontromiżuri mediċi msaħħa. L-UE u l-Istati Membri tagħha introduċew miżuri biex itaffu l-impatti soċjali u ekonomiċi, bħaż-żamma tal-funzjonament tas-suq intern, l-assistenza lis-settur tat-trasport u t-turiżmu, il-protezzjoni tal-impjiegi u l-appoġġ ta' servizzi ta' kura medika għal gruppi vulnerabbli. L-Istati Membri qegħdin dejjem aktar jikkoordinaw ir-rispons tagħhom. Il-miżuri tas-saħħa pubblika għenu biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni u jgħibu l-għadd ta' infezzjonijiet ġodda għal livell maniġġabbli mis-sistemi tas-saħħa. Dan ippermetta t-tneħħija progressiva ta' ħafna restrizzjonijiet imposti matul l-aħħar xhur u t-tkomplija tal-biċċa l-kbira tal-attivajiet.

Madankollu, il-virus għadu jiċċirkola madwar id-dinja. Tifqigħat reġionali madwar l-UE u għadd dejjem jikber ta' każijiet ġodda ta' kuljum madwar id-dinja jsaħħu l-fatt li l-pandemija se tispiċċa biss ladarba tkun taħt kontroll kullimkien. Il-mard infettiv bħall-COVID-19 ta' spiss jiġi f'mewġiet u qed jitfaċċaw tifqigħat lokalizzati ġodda madwar l-Ewropa u f'kontinenti oħra.

Filwaqt li titgħallem mill-istadji preċedenti tal-pandemija, l-Ewropa għandha tuża dan il-perjodu ta' rati ta' trażmissjoni aktar baxxi biex issaħħaħ l-istat ta' tħejjija tagħha u tikkordina l-kapaċità ta' rispons biex tiġġieled kontra tifqigħat oħra tal-COVID-19. M'għandniex żmien x'naħlu biex niżguraw li jkollna fis-seħħ miżuri bbażati fuq ix-xjenza u li jkun għew ittestjati biex inkunu nafu kemm jifilħu f'każ ta' kriżi ħalli jiggerantixxu implimentazzjoni adegwata.

Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tiżgura l-istat ta' tħejjija tal-UE fuq medda qasira ta' żmien fil-qasam tas-saħħa¹ ta' aktar tifqigħat tal-COVID-19 fl-Ewropa. Tiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-ħtieġa li jitnaqqas il-piż tal-influenza staġjonali 2020/2021, sabiex tonqos il-pressjoni addizzjonali fuq is-sistemi tas-saħħa jekk din tikkoinċidi ma' tifqigħa oħra tal-COVID-19. Għal kull qasam, din il-Komunikazzjoni hija bbażata fuq it-tagħlimiet ewlenin, pożittivi u negattivi, u tiddekrivi l-miżuri ewlenin li għandhom jittieħdu fix-xhur li ġejjin. Dan ser jirrikjedi koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni b'saħħithom fl-Istati Membri u l-komunitajiet kif ukoll bejniethom, kif ukoll impenn li jiġu implimentati dawn il-miżuri, li huma kompetenza nazzjonali. Sabiex nimxu 'l quddiem, se jkompli jiġi mfittex li jintlaħaq ftehim dwar approċċi komuni b'rabta mal-miżuri tas-saħħa fi ħdan il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa¹ (HSC) kif ukoll f'fora oħra bħar-Reazzjoni Politika Integrata għall-Kriżijiet (IPCR).

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE. *ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1–15 (BG, ES, CS, DA, DE, ET, EL, EN, FR, HR, IT, LV, LT, HU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, FI, SV)*

L-esperjenza wriet li l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet mal-ġirien u fil-livell tal-UE hija vitali. Il-konteniment u l-ġestjoni ta' kwalunkwe tifqigħa ġdida ser jeħtieġu wkoll kooperazzjoni u appoġġ kontinwi lill-viċinat immedjat tal-UE u lil hinn minnu. Għalhekk, fejn xieraq u fattibbli, il-Kummissjoni se tassoċja l-Balkani tal-Punent, il-pajjiżi tal-Viċinat u pajjiżi sħab oħra mal-azzjonijiet proposti f'dan id-dokument.

II. Titjib tal-istat ta' tħejjija — tagħlimiet meħuda u azzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien

1. L-ittestjar, it-traċċar tal-kuntatti u s-sorveljanza tas-saħħa pubblika²

Kapaċità suffiċjenti ta' ttestjar hija aspekk essenzjali għat-tħejjija u r-rispons għall-COVID-19³. Mingħajr ittestjar adegwat, ma hemm l-ebda detezzjoni bikrija ta' individwi potenzjalment infettivi u l-da viżibbiltà dwar ir-rati ta' infezzjoni u t-trażmissjoni fi ħdan il-komunitajiet. Huwa prerekwiżit li jkun hemm traċċar tal-kuntatti adegwat.

Madankollu, matul dawn l-aħħar ftit xhur, l-Ewropa kienet qed tbatu minn nuqqas ta' testijiet u ta' materjali għall-ittestjar, ta' persunal tal-laboratorju mħarreġ u ta' xi provvisti ta' tagħmir tal-laboratorju, filwaqt li l-UE hija waħda mill-akbar produttori ta' xi wħud minn dan it-tagħmir. Barra minn hekk, il-politiki u l-metodoloġiji tal-ittestjar ivarjaw ħafna bejn il-pajjiżi u l-kapaċitajiet ta' traċċar tal-kuntatt nazzjonali ħafna drabi kienu maħkuma minn trażmissjonijiet fil-komunità fuq skala kbira⁴.

Tifqigħat lokalizzati — rispons lokali u nazzjonali

Wara bosta ġimgħat ta' tneħħija ta' miżuri restrittivi ħafna, issa qed nosservaw żieda ġdida ta' każijiet irrappurtati f'diversi Stati Membri, b'għadd ta' tifqigħat lokalizzati f'kuntesti speċifiċi u t-trażmissjoni komunitarja għadha qed tiġi rrappurtata fil-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE. It-tifqigħat ta' dan l-aħħar juru li t-tifqigħat lokali jridu jiġu immedjatament ikkontrollati biex tiġi evitata trażmissjoni akbar fil-komunità. Sabiex isir dan, l-ittestjar u l-lokalizzazzjoni immedjatament skalati għandhom jiġu implimentati fiż-żona kkonċernata. Imbagħad jeħtieġu jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni lokali, bħall-iżolament.

Għandha tiġi skjerata minnufih il-kapaċità neċessarja li tista' tinkiseb kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak nazzjonali. L-importanza tal-kapaċità lokali u tal-għarfien lokali trid tiġi rikonoxxuta sabiex jiġi żgurat rispons speċifiku u mfassal apposta. Is-segmentar ta' attivitajiet speċifiċi li jirrikjedu għarfien lokali għall-aħjar effiċjenza, bħalma huma t-traċċar tal-kuntatti, u dawn li jistgħu jiġu żviluppatti mingħajr għarfien lokali speċifiku, bħall-forniment ta' laboratorji mobbli jew l-attivar tekniku tat-testijiet tal-RT-PCR, se jkunu kruċjali biex jinġerata l-aħjar rispons għal dawn it-tifqigħat. Approċċ bħal dan jeħtieġu koordinazzjoni u kondivizzjoni ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u nazzjonali.

Fl-aħħar nett, peress li l-miżuri ta' konteniment qed jitneħħew b'mod gradwali⁵, huma meħtieġa testijiet, traċċar tal-kuntatti u sorveljanza tas-saħħa pubblika, peress li dawn jippermettu l-kontroll ta' tifqigħat lokalizzati. L-iskalabbiltà rapida tagħhom hija kruċjali biex tlaħħaq ma' progressjoni possibbli fil-pandemija u biex tevita li terġa' ddaħħal miżuri stretti ta' konfinament. Dawn l-attivitajiet iridu jitfasslu speċifikament għal gruppi vulnerabbli u f'kuntesti b'densità għolja u kapaċità limitata għal distanza fiżika. Pass ewlieni fit-tħejjija huwa għalhekk l-identifikazzjoni sistematika ta' postijiet u popolazzjonijiet vulnerabbli fl-Istati Membri kollha.

a) Ittestjar

² Traċċar tal-kuntatti għall-COVID-19: evidenza attwali, alternattivi għal espansjoni u valutazzjoni tar-riżorsi meħtieġa: <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/COVID-19-Contract-tracing-scale-up.pdf>

³ Kif diġà deskritt fil-Pjan Direzzjonali Konġunt Ewropew lejn it-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment tal-COVID-19

⁴ Dan tkabbar aktar bl-isfidi tal-iskalar 'il fuq tal-attivitajiet tat-traċċar tal-kuntatti billi, pereżempju, intużaw soluzzjonijiet bħall-użu ta' persunal mhux mediku u l-adozzjoni ta' software online

⁵ Kif diġà deskritt fil-Pjan Direzzjonali Konġunt Ewropew lejn it-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment tal-COVID-19

Il-kapaċitajiet tal-laboratorji għall-ittejtjar tal-infezzjoni tal-COVID-19 ždiedu⁶, flimkien ma' żviluppi fl-ittejtjar fil-postijiet fejn tingħata l-kura, l-istampar 3D ta' tagħmir ta' ttejtjar u metodi ta' ttejtjar ġodda. Il-Kummissjoni nediet akkwist konġunt mal-Istati Membri, b'baġit massimu ta' aktar minn EUR 350,000,000 għall-provvisti tal-laboratorju.⁷ Hemm bżonn li tiżdied il-kapaċità tal-laboratorji, il-persunal imħarreġ u l-innovazzjoni fl-Istati Membri kollha biex tiġi żgurata sistema li tippermetti skalabbiltà, riżultati robusti u rispons lokalizzati tal-iskjerament rapidu.

Issa li l-Istati Membri żiedu l-kapaċità ta' ttejtjar tagħhom f'konformità mal-gwida tal-ECDC, huma għandhom jiżguraw li jistgħu jżidu malajr il-kopertura tal-ittejtjar għal pazjenti bi ftit sintomi u persuni li jkunu ġew f'kuntatt ma' każijiet pożittivi.⁸ Huwa importanti wkoll li l-Istati Membri jkomplu jimmonitorjaw il-volum ta' testijiet li jkunu saru u r-riżultati tagħhom matul iż-żmien. L-ittejtjar irid ikun jista' jiġi implimentat malajr ukoll permezz ta' strateġiji deċentralizzati biex jgħinu fil-kontroll ta' raggruppamenti lokalizzati. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li l-espansjoni tal-kapaċità ta' ttejtjar għall-COVID-19 ma tkunx għad-detriment ta' programmi oħra ta' sorveljanza (eż. għall-influenza).

b) Traċċar tal-kuntatti

L-akkoppjament ta' approċċi standard ta' traċċar tal-kuntatti ma' applikazzjonijiet mobbli interoperabbli ("apps") jista' jsaħħaħ il-kapaċità li jitwaqqfu ktajjen ġodda ta' trażmissjoni u jipprevjeni t-tixrid fil-komunità⁹ filwaqt li jinżammu l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* kif deskritti fil-leġiżlazzjoni rilevanti¹⁰. Disa' Stati Membri diġà nedew apps għat-traċċar tal-kuntatti u għat-twissija. Ħdax oħra għandhom il-ħsieb li jniedu applikazzjoni fil-futur qrib. Wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni¹¹ dwar it-teknoloġija u d-*data* biex tiġi miġġielda l-kriżi tal-COVID-19 u noħorġu minnha, ġew żviluppati soluzzjonijiet tal-UE u sett ta' għodod komuni¹² biex jiffaċilitaw l-interoperabbiltà ta' apps nazzjonali¹³ filwaqt li jissalvagwardjaw il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*.¹⁴ L-interoperabbiltà bejn l-apps nazzjonali kollha għandha tkun realtà, b'tali mod li l-vjaġġaturi u l-ħaddiema jkunu jistgħu jkomplu jiċċaqalqu b'mod kunfidenti bejn il-fruntieri tal-UE. Illum il-Kummissjoni emendat¹⁵ in-Network tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi (eHealth) sabiex tipprovdi l-modalitajiet għat-tħaddim ta' infrastruttura sigura tal-IT li tappoġġja l-interoperabbiltà l-apps tat-traċċar tal-kuntatti u ta' twissija madwar l-UE. Is-Sistema ta' Twissija u ta' Reazzjoni Bikrija (EWRS) tiżgura l-kondiviżjoni sigura u effettiva ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri. Barra minn hekk, miżuri ta' thejġija¹⁶ fil-punti ta' dħul fl-UE¹⁷, bħall-ajruporti

⁶ Id-*data* dwar l-għadd ta' testijiet tal-RT-PCR imwettqa minn pajjiż issir kull ġimgħa mill-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa pubblika tal-UE/taż-ŻEE lis-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (TESSy)

⁷ Aktar informazzjoni dwar akkwisti konġunti tista' tintstab fl-anness

⁸ <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/rapid-risk-assessment-coronavirus-disease-2019-covid-19-pandemic-tenth-update>

⁹ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/covid-19_apps_en.pdf

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/679 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) fil-verżjoni attwali tal-ĠU L 119, 04.05.2016; cor. ĠU L 127, 23.5.2018

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2296 tat-8 ta' April 2020 dwar sett tal-għodod komuni tal-Unjoni għall-użu tat-teknoloġija u tad-*data* biex niġġieldu u noħorġu mill-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari dwar l-applikazzjonijiet mobbli u l-użu ta' *data* anonimizata dwar il-mobbiltà

¹² https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/covid-19_apps_en.pdf

¹³ Abbażi tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, qed tiġi implimentata soluzzjoni interoperabbli għall-apps fl-hekk imsejħa arkitettura "deċentralizzata", fejn il-kalkolu tar-riskju ta' infezzjoni jseħħ fuq l-apparat u bħalissa għaddejjja ħidma għall-interoperabbiltà ma' sistemi "ċentralizzati", fejn il-kalkoli tar-riskju jseħħu fuq il-backend server tal-awtorità tas-saħħa.

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għal Gwida dwar l-Aplikazzjonijiet li jappoġġaw il-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID 19 b'rabta mal-protezzjoni tad-*data*, 2020/C 124 I/01 C/2020/2523. *ĠU C 124 I, 17.4.2020, p. 1–9 (BG, ES, CS, DA, DE, ET, EL, EN, FR, HR, IT, LV, LT, HU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, FI, SV)* u l-Linji Gwida 04/2020 tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar l-użu ta' *data* ta' lokalizzazzjoni u għodod ta' traċċar tal-kuntatti fil-kuntest tat-tifqigħa COVID-19, Adottata fil-21 ta' April 2020

¹⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1023 tal-15 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1765 fir-rigward tal-iskambju transfruntier ta' *data* bejn l-applikazzjonijiet nazzjonali għall-apparati mobbli għat-traċċar tal-kuntatti u għat-twissija fir-rigward tal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 *ĠU L 227 I, 16. 07.2020, p. 1.*

¹⁶ Dan jirreferi fost l-oħrajn għall-miżuri li jirrigwardaw it-trasport imsemmija fit-taqsim 4 ta' din il-Komunikazzjoni, bħall-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar is-servizzi tat-trasport, kif ukoll il-gwida maħruġa mill-protokoll tal-Azzjoni Konġunta tal-Istati Membri b'Gateways Tajbin għas-Saħħa (<https://www.healthygateways.eu/>), il-protokoll tal-EASA/ECDC (https://www.easa.europa.eu/sites/default/files/dfu/EASA-ECDC_COVID-19_Operational%20guidelines%20for%20management%20of%20passengers_v2.pdf) u l-ħidma ta' Aġenziji oħra rilevanti tal-UE, inkluż ħidmet l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)

internazzjonali, il-portijiet, l-istazzjonijiet ferrovjarji internazzjonali jew il-punti ta' qsim ta' fruntieri fuq l-art, jeħtieġ li jiġu implimentati u jistgħu jkomplu jappoġġaw l-isforzi ta' traċċar tal-kuntatti, u għal darb'oħra jgħinu biex jiżguraw il-libertà tal-moviment madwar l-UE.

c) Sorveljanza

Is-sorveljanza tas-saħħa pubblika għandha ssir abbażi tal-parametri li ġejjin: L-intensità u l-firxa ġeografika; Il-bidliet ta' varjant ta' razza virali permezz ta' klassifikazzjoni molekulari¹⁸; It-tifqigħat nosokomjali¹⁹; Il-bidliet fil-gruppi ta' riskju inklużi l-konnessjonijiet għal esponiment ambjentali; Is-sindromi ta' mard respiratorju; L-immunità tal-popolazzjoni speċifika skont l-età; is-sitwazzjoni fl-istituzzjonijiet ta' kura residenzjali; jew l-impatt fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa.

Dan irid jippermetti l-individwazzjoni tal-hotspots fi stadju bikri. Għalhekk, l-Istati Membri jeħtieġ li jikkondividu *data* epidemjoloġika standardizzata u f'waqtha fil-livell sottonazzjonali, inklużi d-*data* dwar il-kura fl-isptar u l-okkupazzjoni tal-kura intensiva. L-akkumulazzjoni ta' tali *data*, inkluż permezz ta' epidemjoloġija diġitali li tiddependi fuq analiżi tal-midja u l-midja soċjali, tgħin biex tiġi traċċata l-pandemija u tippermetti l-immudellar preċiż tal-firxa tal-marda.

Qasam ta' Azzjoni L-ittestjar, it-traċċar tal-kuntatti u s-sorveljanza tas-saħħa pubblika	
	Kronoloġija
<p>➤ It-tweġġiq ta' testijiet tal-istress nazzjonali bbażati fuq ix-xenarju għal sistemi ta' traċċar tal-kuntatti, il-kapaċitajiet ta' ttestjar u l-iskjerament tal-ittestjar (l-Istati Membri)</p> <p><i>Peress li qed jiġu identifikati tifqigħat lokalizzati li x'aktarx se jkomplu għaddejnin, dawn it-testijiet tal-istress għandhom jitwettqu fuq livell lokali, abbażi ta' xenarji speċifiċi, bħal avvenimenti ta' persuna li xxerred il-marda fost ħafna nies, tifqigħat f'setturi partikolari bħal f'biċċeriji, f'ambjenti edukattivi u fi djar residenzjali li aktar tard jafu jinfirxu f'oqsma oħra ta' attività. Lezzjonijiet mitgħallma u l-aħjar Prattiki biex ikun kondiviż l-eżerċizzju postali.</i></p>	Minn Lulju sa Settembru
Ittestjar	
<p>➤ Tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-kapaċità meħtieġa għall-ittestjar permezz tal-ippjanar tad-domanda u r-R&Ż (l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea)</p> <p><i>Dan għandu jiffaċilita l-abbiltà li tiżdied il-kapaċità, jekk ikun meħtieġ.</i></p>	Għadu għaddej
<p>➤ Permezz tal-HSC, il-ftehim fil-livell tal-UE għal strateġiji u metodoloġiji tal-ittestjar allinjati (il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri)</p> <p><i>Il-Ftehim li jrid jintlaħaq permezz tal-HSC b'dikjarazzjoni bil-miktub.</i></p>	Minn Lulju sa Settembru
Traċċar tal-kuntatti	

¹⁷ Ir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) jiddefinixxu punt ta' dħul bħala "passaġġ għal dħul jew ħruġ internazzjonali ta' vjaġġaturi, bagalji, merkanzija, kontejners, trasferimenti, merkanzija u pakketti postali, kif ukoll aġenziji u żoni li jipprovdu servizzi lilhom mad-dħul jew mal-ħruġ"

¹⁸ It-tipizzazzjoni molekulari hija mod kif jiġu sekwenzati u identifikati varjanti ta' razez speċifiċi tal-virus. L-integrazzjoni ta' tipizzazzjoni molekulari f'sorveljanza epidemjoloġika hija strument importanti għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-pandemija. Din tgħin biex jiġi segwit kif il-virus fil-fatt jinfirxu u jiġu identifikati evoluzzjonijiet possibbli matul iż-żmien.

¹⁹ Infezzjoni fil-faċilitajiet mediċi u tal-kura tas-saħħa

<p>➤ Titlesta l-implimentazzjoni tal-apps ta' traċċar tal-kuntatti interoperabbli (l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-ECDC)</p> <p><i>Segwitu għal-Linji Gwida għall-Istati Membri għall-interoperabbiltà u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet xierqa għall-interoperabbiltà transfruntiera tal-apps; Żvilupp kontinwu tal-EWRS sabiex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.</i></p>	Minn Lulju sa Settembru
<p>➤ L-iżvilupp ta' mekkaniżmi tal-UE għal Formoli tal-Postijiet tal-Passiġġieri komuni diġitalizzati għas-setturi rilevanti tat-trasport (eż. Azzjoni Konġunta Gateways Tajbin għas-Saħħa bl-appoġġ tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea — EASA)</p>	Għadu għaddej
Sorveljanza tas-saħħa pubblika	
<p>➤ Gwida għal investigazzjonijiet speċifiċi ta' tifqigħat, eż. f'kuntesti nosokomjali, avvenimenti ta' "tixrid" potenzjali (eż. laqgħat tal-massa), u konfigurazzjonijiet oħra ta' okkupazzjoni speċjali (ECDC)</p> <p><i>Dan jgħin biex itejjeb il-fehim u s-sorveljanza tad-dinamika epidemjoloġika.</i></p>	Awwissu
<p>➤ Kampanja ta' kampjunar fl-ilmijiet tal-iskart, valutazzjoni tar-riżultati u konnessjoni mad-data epidemjoloġika (il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri)</p> <p><i>Din għandha l-għan li ssegwi l-preżenza tal-virus f' ilma urban mormi.²⁰</i></p>	Għadha għaddejja
<p>➤ Tissaħħaħ is-sistema ta' sorveljanza primarja bbażata fuq il-popolazzjoni tal-kura primarja sentinella u tas-sorveljanza fl-isptarijiet (l-ECDC u l-Istati Membri)</p> <p><i>L-ECDC se taħdem mal-Istati Membri biex tagħti pariri dwar l-aħjar Prattiki biex tgħin issaħħaħ is-sistemi eżistenti li jappoġġaw is-sorveljanza fil-livell nazzjonali.</i></p>	Minn Lulju sa Settembru
<p>➤ Assistenza teknika għad-disinn, it-twettiq u l-analiżi tar-riżultati mill-istudji dwar is-seroprevalenza²¹ sabiex tiġi promossa l-komparabbiltà fil-livell tal-UE (ECDC, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri)</p>	Minn Lulju sa Settembru
<p>➤ Tiġi żgurata l-kondiviżjoni madwar l-UE kollha ta' data klinika, epidemjoloġika u viroloġika permezz tal-pjattaforma ta' kondiviżjoni tad-data dwar COVID-19 tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, l-ECDC u l-Istati Membri)</p>	Għadu għaddej
<p>➤ Il-ħolqien ta' reġistru fil-livell tal-UE għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tar-riskji epidemjoloġiċi, inklużi d-determinanti tas-saħħa ambjentali (Kummissjoni Ewropea)</p> <p><i>Dan se jkun komplementari għal pjattaformi oħra u jiżgura aċċess miftuħ u interoperabbiltà ta' pjattaformi ta' data li fihom data tal-COVID-19.</i></p>	Ottubru

2. Kontromiżuri mediċi: funzjonament bla xkiel tas-suq uniku u aċċess għal tagħmir personali protettiv, mediċini u apparat mediku

Il-kriżi tal-COVID-19 affettwat b'mod negattiv il-kummerċ ma' pajjiżi terzi, il-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan l-UE, u l-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku. B'mod partikolari, l-aċċess għal tagħmir personali protettiv, mediċini u apparat mediku kien nuqqas kbir madwar l-UE fl-ewwel ftit taż-żmien tal-pandemija. Hekk kif il-kriżi aggravat, il-ktajjen

²⁰ Diversi Stati Membri ħadu l-inizjattiva biex jimmonitorjaw il-preżenza ta' residwi tal-COVID-19 fl-ilmijiet tal-iskart tagħhom. Il-JRC flimkien ma' DG ENV u bl-involvement ta' DG SANTE ħadu l-inizjattiva biex jitnieda Studju Ġeneriku pan-Ewropew li jiġbor flimkien l-istudji ta' referenza nazzjonali u reġjonali ewlieni f'approċċ uniku.

²¹ Studji bħal dawn għandhom l-għan li jiġbru informazzjoni dwar ir-rati ta' infezzjonijiet fost il-popolazzjonijiet.

ta' provvista globali ma setgħux ilaħħqu mad-domanda li żdiedet. Kien hemm interruzzjoni tal-produzzjoni fil-lokalitajiet li kienu l-aktar milquta. L-introduzzjoni ta' projbizzjonijiet tal-esportazzjoni minn awtoritajiet nazzjonali u pajjiżi terzi, kif ukoll problemi bit-trasport internazzjonali ta' oġġetti, konġestjonijiet fil-valutazzjoni tal-konformità, kif ukoll il-prevalenza ta' prodotti mhux konformi, mhux sikuri u foloz, kompli aggrava l-iskarsezzi. Deher ċar li tellieqa globali għall-provvisti swiet fi prezz għoli għal prodotti li f'xi każijiet kienu ta' kwalità inferjuri. Kienet imfexxla jew imdewma wkoll is-solidarjetà kkordinata fil-livell tal-UE permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), minħabba li l-pajjiżi kollha ffaċċjaw l-istess tip ta' nuqqas fl-istess hin²². Barra minn hekk, is-suq tal-merkanzija kummerċjali ġie mfixkel u l-aċċess għall-għażliet tat-trasport sar inċert.

Ġew introdotti firxa ta' miżuri biex jingħelbu dawn l-isfidi. Dawn kienu jinkludu konverżjonijiet tal-industrija, monitoraġġ tal-iskarsezzi mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, appoġġ lil inizjattivi tal-industrija li jottimizzaw il-produzzjoni u l-provvista ta' mediċini essenzjali²³, awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni²⁴ u involviment ma' pajjiżi terzi kif ukoll standards liberament disponibbli²⁵. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet akkwisti kongunti²⁶, li kienu kkostitwiti minn riżervi strateġiċi (rescEU), żiedet il-kooperazzjoni u l-kontrolli tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tas-sikurezza biex tiżgura li fis-Suq Uniku jiġi offrut biss tagħmir protettiv sikur u ġiet mitluba gwida ġdida dwar l-għata tal-wiċċ fil-komunità lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN)²⁷.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat linji gwida dwar ir-restrizzjonijiet²⁸ fuq l-esportazzjoni u fuq il-provvista ottimali u razzjonali ta' mediċini biex jiġu evitati l-iskarsezzi matul it-tifqigħa tal-COVID-19²⁹, u ħadmet b'mod attiv biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-esportazzjoni u ostakli oħra għall-moviment liberu ta' tagħmir mediku u prodotti mediċinali. Il-Kummissjoni adottat ukoll deċizjoni³⁰ li tawtorizza lill-Istati Membri affettwati mill-pandemija tal-coronavirus biex jissospendu temporanjament id-dazji doganali u l-VAT fuq it-tagħmir protettiv, il-kits tal-ittejtjar jew it-tagħmir mediku bħall-ventilaturi. B'dan, it-tagħmir mediku li jeħtieġu t-tobba, l-infermiera u l-pazjenti, sar ħafna aktar aċċessibbli.

²² Taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, l-UE tappoġġa l-koordinazzjoni u tikkofinanzja l-Istati Membri tal-UE u sitt Stati Parteċipanti addizzjonali fl-għoti ta' assistenza lil pajjiżi li jitolbu assistenza mill-UE. Mit-23 ta' Ġunju, l-ERCC irċieva 47 talba għal assistenza, relatati mal-pandemija tal-COVID-19, fir-rigward ta' oġġetti mediċi u PPEs. Minn dawn it-talbiet, 16 biss ġew issodisfati parzjalment.

²³ L-industrija farmaċewtika għandha rwol importanti biex jingħeleb ir-riskju ta' skarsezzi ta' prodotti u servizzi essenzjali li jirriżultaw minn tifqigħat tal-COVID-19 fl-UE. Ie-ċirkostanzi eċċezzjonali u l-isfidi li jirriżultaw minnhom jistgħu jikkawżaw il-ħtieġa għal impriżi li jikkooperaw ma' xulxin sabiex jegħlbu, jew mill-inqas itaffu, l-effetti tal-kriżi għall-benefiċċju aħħari taċ-ċittadini. Fit-8 ta' April 2020, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni Qafas Temporanju għall-valutazzjoni ta' kwistjonijiet dwar l-antitrust relatati mal-kooperazzjoni kummerċjali b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' urġenza li jirriżultaw mit-tifqigħa attwali tal-COVID-19 ("Qafas Temporanju", ĠU C 116I, 8.4.2020, p. 7–10). Din tistabbilixxi l-kriterji ewlenin li l-Kummissjoni se tapplika meta tivvaluta skont ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE l-proġetti ta' kooperazzjoni li għandhom l-għan li jindirizzaw l-iskarsezza ta' provvista ta' prodotti u servizzi essenzjali waqt it-tifqigħa tal-coronavirus. Il-Qafas Temporanju jipprevedi wkoll il-possibbiltà li l-kumpaniji jingħataw garanzija bil-miktub (permezz ta' "ittri ta' garanzija" *ad hoc*) dwar proġetti speċifiċi ta' kooperazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fuq il-bażi tal-Qafas Temporanju, il-Kummissjoni fit-8 ta' April 2020 ħarġet ittra ta' garanzija lil "Medicines for Europe", assoċjazzjoni ta' manifatturi farmaċewtiċi, u kumpaniji parteċipanti b'rabta ma' proġett ta' kooperazzjoni volontarja li jindirizza r-riskju ta' skarsezza ta' mediċini kritiċi għall-isptarijiet għat-trattament tal-pazjenti tal-coronavirus (https://ec.europa.eu/competition/antitrust/medicines_for_europe_comfort_letter.pdf).

²⁴ IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/568 tat-23 ta' April 2020 li jagħmel l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti soġġetta għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni

²⁵ Ipprovduti temporanjament mis-CEN u s-CENELEC, fuq talba tal-Kummissjoni, għal maskri tal-wiċċ, ingwanti, ilbies mediċi u protettivi u ventilaturi respiratorji, biex jiġu appoġġati l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' provvista essenzjali.

²⁶ L-akkwisti konġunti tal-UE jkopru tagħmir ta' protezzjoni personali, ventilaturi u mediċini tal-ICU — hemm aktar informazzjoni disponibbli fl-anness

²⁷ F'Mejju 2020, il-Kummissjoni Ewropea talbet lis-CEN iżviluppa speċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-għoti tal-wiċċ fil-komunità. Fis-17 ta' Ġunju 2020, ġie rilaxxat il-Ftehim tal-Workshop tas-CEN CWA 17553 dwar "Community face coverings - Guide to minimum requirements, methods of testing and use".

²⁸ Il-linji gwida stabbiliti fl-Annex 2 tal-Komunikazzjoni dwar ir-rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19: COM(2020) 112 tat-13.3.2020

²⁹ C (2020) 2272 tat-8.4.2020.

³⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/491 tat-3 ta' April 2020 dwar l-eżenzjoni mid-dazji ta' importazzjoni u l-eżenzjoni mill-VAT fuq l-importazzjoni mogħtija għall-oġġetti meħtieġa biex jiġu miġġielda l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 matul l-2020. Il-miżura tapplika sal-31 ta' Lulju, iżda probabbilment se tiġi estiża sal-31 ta' Ottubru 2020 peress li l-Istati Membri għadhom qed jirrapportaw skarsezzi f'dawn il-prodotti.

Sabiex jiġi żgurati il-fluss liberu tal-merkanzija fi ħdan l-UE, il-Kummissjoni ħadmet b'mod attiv biex tneħħi r-restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-esportazzjoni. It-Task Force dwar l-Infurzar tas-Suq Uniku (SMET) bdiet tilħaq l-għan immedjat li tindirizza r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-merkanzija, inklużi l-provvisti mediċi.

Il-protezzjoni tal-integrità tas-suq uniku, bħala waħda mill-assi ewlenin tagħna għall-irkupru, tibqa' waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni. Ostakli mhux ġustifikati għall-moviment liberu tal-merkanzija, b'mod partikolari t-tagħmir mediku u l-mediċini, ser ikompli jiġu sfidati b'mod attiv mill-Kummissjoni, bl-użu tal-għodod kollha disponibbli, inkluż il-proċeduri ta' ksur.

Il-Kummissjoni tfakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw abbozzi ta' regolamenti tekniċi nazzjonali qabel ma dawn jiġu attwalment adottati sabiex il-Kummissjoni u Stati Membri oħra jirreaġixxu. Jekk ikun hemm bżonn, bħall-proliferazzjoni għall-għarrieda ta' ostakli kif rajna matul il-kriżi tal-COVID-19, l-SMET jeħtieġ jintuża bħala mekkaniżmu ta' urġenza biex jikkoordina rispons xieraq.

L-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI) "pakkett ta' mobbiltà"³¹, tista' sservi bħala bażi għall-iżvilupp ta' rispons koordinat tal-UE għal tnaqqis possibbli futur fil-kapaċità tat-trasport tal-merkanzija globali u reġjonali.

Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll mekkaniżmu ta' ċentru ta' kklerjar, il-Kamra tal-Ikklerjar għat-tagħmir mediku użat għall-COVID-19 (CCH), li jservi ta' pjattaforma għall-iskambju u l-valutazzjoni mal-Istati Membri dwar id-domanda u l-provvista ta' kontromiżuri mediċi ewlenin rigward il-COVID-19, kif ukoll il-monitoraġġ u l-għajnuna biex titjeb il-kapaċità tal-industrija tal-UE.³² Inħolqot pjattaforma online ta' ġbir ta' informazzjoni dwar il-provvista u d-domanda biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil bejn il-provvista u d-domanda bejn l-Istati Membri li jesprimu l-ħtiġijiet u l-kumpaniji li joffru tagħmir mediku. Minkejja xi titjeb, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-iskarsezzi tat-tagħmir mediku ġew kompletament riżolti. L-ECDC u ċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka (JRC), qed jappoġġaw it-tbassir u l-immudellar.

Madankollu, jeħtieġ li jkun hemm aktar tħejjija għal żidiet kbar possibbli fil-każijiet fil-futur. L-Istati Membri huma mistiedna jstabilixxu urġentement ħarsa ġenerali ċara dwar il-ħtiġijiet tagħhom għal provvisti mediċi, kapaċitajiet nazzjonali ta' produzzjoni u riżervi ta' tagħmir essenzjali. Għaddejjin attivitajiet ta' akkwist fil-livell tal-UE biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' Tagħmir Protettiv Personali, ventilaturi, apparat tal-laboratorju u mediċini kritiċi tal-ICU (ara l-Anness), kif ukoll aċċess għat-terapija meta dawn jirċievu awtorizzazzjonijiet tas-suq mill-Aġenzija Medika Ewropea, u appoġġ għall-produzzjoni u l-użu ta' vaċċini potenzjali ta' suċċess. Kuntratti ta' qafas tal-akkwist tal-UE kbar jipprovdu appoġġ għall-ħidma ta' tħejjija lill-Istati Membri. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltajiet li jixtru tagħmir mediku skont il-kuntratti attwali. Se jkun ukoll importanti li jiġi żgurati li jkun hemm miżuri fis-seħħ li jggarantixxu li Tagħmir Protettiv Personali adegwat jilħaq is-settur kritiku tal-kura soċjali ta' appoġġ li jipprovdi servizzi essenzjali għal persuni anzjani u persuni b'diżabbiltà.

L-Istati Membri huma wkoll mistiedna jidentifikaw possibbiltajiet għall-kapaċità ta' produzzjoni flessibbli u l-konverżjoni tal-produzzjoni fit-territorju tagħhom. Il-Kummissjoni lesta tappoġġa lill-Istati Membri fir-rikonverżjoni industrijali u t-twaqqif ta' pjanijiet għal kapaċità ta' produzzjoni flessibbli.

³¹ Dan jagħmel fondi disponibbli biex jiġu ttrasportati provvisti mediċi vitali lejn u fi ħdan l-UE u li jappoġġaw it-trasport ta' persunal mediku u ta' pazjenti bejn l-Istati Membri

³² Il-Kamra tal-Ikklerjar tal-Kummissjoni tirrapporta skarsezzi kontinwi relatati ma' ġagagi/beritti/għata taż-żraben, maskri kirurġiċi/mediċi, maskri FFP (it-tipi kollha), ingwanti mediċi, aċċessorji tal-ventilaturi, tubi endotrakeali, testijiet tal-PCR, testijiet ta' antiġeni, tagħmir tat-testijiet (magni tal-laboratorju, eċċ.); reaġenti, oġġetti konsumabbli tal-laboratorju, swabs, mediċini anestetiċi/sedattivi, rilassanti tal-muskoli, antibijotiċi & analġeżiċi/kortikosteroidi.

Barra minn hekk, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma kkonċentrati fuq l-iżvilupp ta' kontromiżuri mediċi u jipprovdu l-bażi ta' evidenza għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' standards komuni meħtieġa għal prodotti essenzjali (eż. testijiet dijanjostiċi, *data* dwar is-saħħa, approvazzjonijiet ta' prodotti, akkwist pubbliku konġunt ta' innovazzjoni, u żvilupp ta' linji gwida kliniċi). Dan jeħtieġ li jinżamm u jiġi kkoordinat u jista' jiġi appoġġat ukoll billi jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet ta' riċerka Ewropej rilevanti jibqgħu operattivi fil-każ ta' aktar tifqigħat.

Kif enfasizzat mill-Istrateġija tal-UE għall-vaċċini tal-COVID-19 tas-17 ta' Ġunju 2020, soluzzjoni permanenti għall-kriżi attwali x'aktarx li tasal permezz tal-iżvilupp u l-użu ta' vaċċin effettiv u sikur kontra l-virus. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed tinnegozja ma' produttori tal-vaċċini f'isem l-Istati Membri bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem. Dan se jkun strumentali biex titreġġa' lura l-ħajja ekonomika u soċjali lejn in-normalità fl-Ewropa u fid-dinja.

Qasam ta' Azzjoni il-forniment ta' taġmir protettiv personali, mediċini u apparat mediku	
	Kronoloġija
➤ Jiġi ppreservat il-moviment liberu tal-merkanzija, u b'mod partikolari tal-provvisti mediċi essenzjali fl-UE (l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea) ³³	Għadu għaddej
➤ L-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar il-vaċċini (ESI — il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri) <i>Il-Kummissjoni se tidħol fi ftehimiet ma' produttori individwali tal-vaċċini f'isem l-Istati Membri, bid-dritt li jixtru vaċċini garantiti bi Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem.</i>	Għadha għaddejja
➤ L-istabbiliment ta' ħarsa ġenerali lejn il-ħtiġijiet għal provvisti mediċi, kapaċitajiet nazzjonali ta' produzzjoni u riżervi ta' taġmir essenzjali, immappjar tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni/possibiltajiet ta' konverżjoni flessibbli (Stati Membri)	Minn Lulju sa Settembru
➤ Torganizza skambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri dwar l-użu mill-ġdid, l-adattament u ż-żieda tal-linji ta' produzzjoni għall-produzzjoni ta' provvisti mediċi (il-Kummissjoni Ewropea)	Settembru/Ottubru
➤ Tiżgura l-aċċess għat-terapiji COVID-19 li bħalissa jinsabu fi provi kliniċi permezz ta' ftehimiet ta' provvista ma' kumpaniji farmaċewtiċi (il-Kummissjoni Ewropea)	Minn Lulju sa Settembru
➤ Appoġġ għal approċċ koordinat tal-UE għall-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' provi kliniċi fuq skala kbira tal-COVID-19 fl-Ewropa (il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri)	Għadu għaddej
➤ Skambju bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-proċessi ta' akkwist nazzjonali u l-punti ta' konġestjoni (l-Istati Membri & l-Kummissjoni Ewropea)	Għadu għaddej
➤ Appoġġ għal aċċess ekwu u l-użu ta' kontromiżuri mediċi meħtieġa: - Kuntratti li għaddejjin bħalissa taħt akkwisti konġunti (PPE, ventilaturi, taġmir tal-laboratorju, mediċini tal-ICU) (Stati Membri) - Akkwisti Konġunti ġodda (il-Kummissjoni Ewropea) ³⁴	Għadu għaddej

³³Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-miżuri nazzjonali meħuda mill-Istati Membri u tassisti lill-Istati Membri sabiex jipprevjenu kwalunkwe ostaklu mhux meħtieġ għall-moviment liberu tal-merkanzija bl-użu ta' għodod disponibbli bħat-Task Force dwar l-Infurzar tas-Suq Uniku, id-Direttiva dwar it-Trasparenza tas-Suq Uniku (id-Direttiva 2015/1535 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet tekniċi).

³⁴Akkwisti konġunti addizzjonali jistgħu jtniedu biex ikopru, pereżempju, mediċini u terapewtiċi għal kull unità ta' kura intensiva.

<ul style="list-style-type: none"> - Akkwisti pubbliċi ta' emerġenza tal-Kummissjoni għall-Istati Membri (ESI)³⁵ - Ħażniet strateġiċi tal-UE (rescEU)³⁶ u pjanijiet ta' skjerament li jkopru l-Unjoni - Trasport ta' provvisti mediċi lejn l-UE (ESI) 	
<ul style="list-style-type: none"> ➤ Monitoraġġ tal-aċċess, id-disponibbiltà u r-riskji ta' skarsezzi ta' kontromiżuri mediċi u tal-ingredjenti u l-komponenti ewlenin tagħhom (il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Istati Membri) ➤ Tiżdied il-kapaċità u jitħaffu ċ-ċertifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti li għandhom jitqiegħdu fis-suq filwaqt li jiġu żgurati s-sikurezza, il-preċiżjoni u l-konformità mal-istandards tal-UE (l-Istati Membri) 	Għadu għaddej
<ul style="list-style-type: none"> ➤ L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti bħall-Ftehim ta' Akkwist Konġunt għax-xiri u r-riżervar ta' tagħmir mediku essenzjali, u jiżguraw inizzjattivi ta' riżervi nazzjonali kkoordinati (l-Istati Membri) 	Minn Lulju sa Settembru
<ul style="list-style-type: none"> ➤ L-awtoritajiet doganali u dawk tas-sorveljanza tas-suq jiżguraw li t-tagħmir mediku u protettiv personali li jkun konformi biss jilħaq is-suq tal-UE (azzjonijiet konġunti mal-Istati Membri) 	Għadu għaddej
<ul style="list-style-type: none"> ➤ Gwida dwar apparat mediku u ta' protezzjoni personali li jista' jerġa' jintuża (ECDC) 	Lulju

3. Kapaċità ta' żieda f'daqqa ita' ħaddiema tal-kura tas-saħħa

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt qawwi fuq il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li kienu qed jieħdu ħsieb il-pazjenti tal-COVID-19, spiss taħt livelli għoljin ta' stress għal perjodi ta' żmien sostnuti. Dawn mhumiex biss vulnerabbli għall-kontaġġu minħabba ż-żieda fl-esponiment tagħhom għall-virus, iżda ħafna drabi huma meħtieġa wkoll li jaħdmu f'kundest ta' skarsezza ta' tagħmir protettiv personali xieraq. In-nuqqasijiet ta' kapaċitajiet fl-unitajiet tal-kura intensiva u ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa speċjalizzati biex jittrattaw pazjenti tal-COVID-19 kienu mifruxa wkoll. Fil-biċċa l-kbira tal-UE, is-soluzzjonijiet nazzjonali għannuqqas ta' sodod tal-unitajiet ta' kura intensiva wrew li huma fattibbli. Madankollu, waħda mil-lezzjonijiet ewlenin li tgħallimna kienet li, filwaqt li l-infrastruttura fiżika tista' tiġi estiża, l-aktar hteġġa urġenti saret id-disponibbiltà ta' persunal tal-kura tas-saħħa li kien kompetenti fl-unitajiet ta' kura intensiva. F'xi każijiet, issejħu riservisti tas-servizz tal-kura tas-saħħa u studenti mediċi u, fejn kien hemm bżonn, ingħata taħriġ rapidu. Il-Kummissjoni appoġġat ukoll network ta' tobba Ewropej li jippermettu lill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa jiskambjaw informazzjoni u jtejbju l-ġestjoni tagħhom ta' pazjenti bil-COVID-19. Madankollu, din ir-riallokazzjoni ta' riżorsi xi drabi wasslet biex pazjenti b'kundizzjonijiet oħra ma setgħetx tingħatalhom il-kura.

Provvista transfruntiera persunal tal-kura tas-saħħa u trasferiment tal-pazjenti

Matul l-ewwel tifqigħa fl-Ewropa, ċerti żoni ġew affettwati b'mod sinifikanti aktar minn oħrajn. F'xi każijiet, il-kapaċitajiet lokali kienu f'diffikultà, u ġew meġġuna b'appoġġ transfruntier Ewropew permezz ta' persunal speċjalizzat fil-kura tas-saħħa kif ukoll permezz tat-trasferiment ta' pazjenti tal-COVID-19. Pereżempju, permezz ta' kofinanzjament taħt il-UCPM tal-UE, ir-Rumanija u n-Norveġja bagħtu tobba u infermiera lejn it-Tramuntana tal-Italja, u f'termini ta' pazjenti, sitt (6) Stati Membri kienu involuti fi trasferimenti transfruntier ta' pazjenti tal-COVID-19.

Abbażi tal-ewwel lezzjonijiet li ttieħdu, jeħtieġ jiġu stabbiliti strateġiji nazzjonali biex tiġi mmassimizzata l-kapaċità ħalli s-sistemi tas-saħħa jirnexxilhom ilaħħqu. Madankollu, f'ċerti każijiet, huwa essenzjali li jkun hemm appoġġ minn Stati

³⁵Mill-baġit tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, EUR 100 miljun huma allokatu għax-xiri ta' materjal relatat mal-kura tas-saħħa.

³⁶Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/414 tad-19 ta' Marzu 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 fir-rigward tal-kapaċitajiet tar-rescEU ta' kumulazzjoni ta' riżerva medika (notifikata bid-dokument C(2020) 1827). Din tippermetti l-ħżin ta' kontromiżuri mediċi bħal vaċċini u terapiji, provvisti tal-laboratorju, tagħmir mediku u ta' kura intensiva jew tagħmir ta' protezzjoni personali li għandu l-għan li jiġġielel kontra theddid transkonfinali serju għas-saħħa.

Huwa essenzjali li jinżamm aċċess rapidu għall-kapaċitajiet tas-saħħa pubblika li jżiedu f'salt mingħajr ma jiġu ttraskurati oqsma oħra ta' kura tas-saħha³⁷. Barra minn hekk, huwa essenzjali wkoll li jiġi żgurati li, f'sitwazzjonijiet ta' skarsezza kritika, il-prijoritizzazzjoni (jew "triage") tal-provvediment tal-kura tas-saħħa ssir fuq il-bażi ta' gwida strettament ibbażata fuq kriterji mediċi. Barra minn hekk, abbażi tal-esperjenza tat-trasferiment tal-pazjenti bejn il-fruntieri u l-ħtieġa għal kapaċità supplimentari ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa meta l-livelli nazzjonali ma jkunux jistgħu jlaħħqu³⁸, il-Kummissjoni diġà attivat appoġġ finanzjarju permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza għat-transport ta' persunal mediku u pazjenti bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-UCPM jikkoordina l-iskjerament ta' timijiet u tagħmir mediku ta' emerġenza għall-pajjiżi li jagħmlu talba.

Qasam ta' Azzjoni kapaċità ta' żieda f'salt ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa

	Kronoloġija
➤ L-iffinanzjar u l-organizzazzjoni tat-transport ta' persunal u timijiet mediċi fl-UE u bejn l-Istati Membri u t-trasferiment tal-pazjenti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ESI — il-Kummissjoni Ewropea)	Għadu għaddej
➤ Linji gwida għall-ottimizzazzjoni tal-ispazju tal-isptarijiet, inkluż it-tneħħija tal-iżolament u l-iskarrikar ta' pazjenti li fiequ klinikament, iżda li għadhom pożittivi għall-COVID-19 (ECDC)	Lulju
➤ Network Ewropew online ta' tobba u żvilupp ta' moduli ta' taħriġ dwar il-COVID-19 għall-professjonisti tas-saħħa (inkluż permezz ta' akkademja virtwali) fi sħubija ma' federazzjonijiet Ewropej, bħas-Soċjetà Ewropea tal-Mediċina tal-Kura Intensiva (l-Istati Membri, l-ECDC, il-Kummissjoni Ewropea) <i>Dan jinkludi taħriġ prattiku u informazzjoni, bħal kif wieħed jilbes u jinża' t-tagħmir ta' protezzjoni personali u jista' jiġi estiż għal moduli ta' taħriġ dwar il-kura intensiva.</i>	Għadu għaddej

4. Kontromiżuri mhux farmaċewtiċi

Fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi ġew implimentati għadd ta' kontromiżuri mhux farmaċewtiċi, bħar-restrizzjoni tal-moviment, it-tbeġħid soċjali, l-użu ta' maskri tal-wiċċ fil-pubbliku u kontrolli fil-fruntieri³⁹. Dawn il-miżuri ħafna drabi kienu meħtieġa biex inaqqsu l-firxa tal-virus u salvaw għexieren ta' eluf ta' ħajjiet, iżda rriżultaw fi spiża soċjali u ekonomika għolja. Ir-restrizzjoni tal-moviment u l-miżuri bħall-għeluq ta' spazji pubbliċi ħalliet konsegwenzi soċjali u ekonomiċi negattivi u bla preċedent fuq is-soċjetajiet (eż. l-aċċess għall-post tax-xoġhol tal-ħaddiema transfruntieri, is-separazzjoni tal-familji, l-aċċess għall-edukazzjoni, il-waqfien u t-tfikkil f'għadd ta' setturi ekonomiċi u effetti soċjali bħall-iżolament) u l-ekonomiji tal-UE billi ġie mfikkil il-funzjonament tas-suq uniku. Huma affettwaw b'mod negattiv ukoll is-suq uniku għall-prodotti, b'hekk irrestrinġew il-moviment liberu tagħhom u l-katini ta' provvista fl-UE kollha u lil hinn minnha. Kellhom ukoll konsegwenzi serji għal-libertà tal-moviment fl-UE u l-funzjonament u l-integrità taż-żona Schengen. Barra minn hekk, l-użu esponenzjali tat-teknoloġija għall-attivitajiet ta' kuljum

³⁷Dan jinkludi kapaċitajiet suffiċjenti għal strutturi ta' spartarjiet alternattivi (eż. strutturi tal-kura primarja għall-ġestjoni tal-pazjenti barra mill-isptarijiet) u sodod ta' kura intensiva, kif ukoll biżżejjed persunal imħarreġ fil-kura tas-saħħa f'ambjent primarju, fi sptar, f'kura terzjarja u f'kura fid-dar u b'alternanza ta' persunal fil-kura tas-saħħa biex tittaffa l-għeja tal-persunal.

³⁸Pereżempju, meta jkun ġie eżawrit livell nazzjonali ta' ppjanar għal skambji ta' persunal tal-kura tas-saħħa u trasferiment ta' pazjenti.

³⁹Il-Kummissjoni u l-ECDC ħadmu mal-Istati Membri biex jappoġġaw it-tneħħija gradwali u f'fażijiet ta' dawn il-miżuri kif ukoll it-tneħħija koordinata tar-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE. Saret valutazzjoni epidemjoloġika regolament permezz tal-Valutazzjonijiet tar-Riskju Rapidi tal-ECDC.

bħall-komunikazzjoni, il-wasla ta' informazzjoni, ix-xiri, ix-xogħol u t-tagħlim jirrappreżentaw sfida għal dawk kollha li għandhom aċċess limitat jew l-ebda aċċess għal servizzi rilevanti tal-ICT.

Fid-dawl ta' dan l-impatt ekonomiku u soċjali, huwa fl-interess ta' kulħadd li jiġu evitati miżuri ta' lockdown fuq skala kbira f'każ ta' aktar tifqigħat u li jiġi indirizzat l-impatt fuq setturi differenti, inkluż it-trasport u t-turizmu⁴⁰. Pjuttost, ir-rispons għandu jkun li jkun hemm kontromiżuri mhux mediċi mmirati u lokalizzati, u li jkunu infurmati minn riċerka u evidenza. Id-*data* dwar il-mobbiltà aggregata u anonimizzata se tgħin, għax tippermetti valutazzjoni tal-effettività ta' tali miżuri. Ladarba tiġi kkompilata, din tista' tipprovdi l-bażi għall-ippjanar tax-xenarju ta' evoluzzjonijiet ulterjuri ta' tifqigħat oħra u l-miżuri korrispondenti mhux farmaċewtiċi li jridu jiġu introdotti. L-iżgurar li l-postijiet tax-xogħol huma sikuri huwa strumentali għall-kontinwità tax-xogħol u l-attivitajiet ekonomiċi, bħal ma huwa l-provvediment tas-servizzi għall-kura tat-tfal u l-edukazzjoni għat-tfal biex jippermettu bilanċ kontinwu tal-ħajja tax-xogħol għall-ġenituri kollha. Għandhom jiġu stabbiliti miżuri preventivi u protettivi bbażati fuq regoli tal-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u gwida speċifika⁴¹ sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema u jiġi evitat it-tixrid tal-virus fuq il-post tax-xogħol. B'mod partikolari, l-obbligu tal-impjegatur li jwettaq valutazzjoni tar-riskji aġġornata u miżuri preventivi adattati għall-kuntest li qed jinbidel huwa essenzjali f'konformità mal-qafas ġuridiku.

L-istabbiliment mill-ġdid ta' restrizzjonijiet ineffettivi u l-kontrolli interni fil-fruntieri tal-UE għandhom jiġu evitati milli jkomplu għaddejnin. Kwalunkwe miżura li timplika restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' persuni fi ħdan l-UE għandha tintuża biss f'sitwazzjonijiet strettament meħtieġa. Tali miżuri restrittivi biex jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa pubblika għandhom ikunu kkoordinati u proporzjonati u mhux diskriminatorji. Il-kontrolli temporanji fil-fruntieri jistgħu jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali biex jipprovdu rispons għal sitwazzjonijiet li jaffettwaw b'mod serju l-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna u, bħala l-aħħar miżura, għandhom idumu biss sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi straordinarji.

Ir-restrizzjonijiet fit-territorji tal-Istati Membri mhux bilfors ikunu akkumpanjati minn restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u kontrolli fil-fruntieri interni. Jekk madankollu jiġu introdotti kontrolli fil-fruntieri, dan għandu jsir f'konsultazzjoni mal-Istati Membri l-oħra, bl-użu ta' kanali eżistenti u f'konformità mar-regoli eżistenti, filwaqt li l-moviment liberu tal-merkanzija, tal-ħaddiema li jeżerċitaw professjonijiet kritiċi u tal-ħaddiema tat-trasport essenzjali għandu jiġi dejjem issalvagwardjat. Il-korsiji ħodor⁴² u l-gwida eżistenti dwar il-miżuri tal-ġestjoni tal-fruntieri⁴³, it-trasport merkantili bl-ajru⁴⁴, kif ukoll il-moviment liberu tal-ħaddiema⁴⁵ u l-bidliet fl-ekwipaġġ⁴⁶, jeħtieġ jiġu implimentati minnufih. It-Task Force dwar l-Infurzar tas-Suq Uniku se tkompli timmonitorja u tindirizza kwalunkwe ostaklu mhux ġustifikat għall-moviment liberu tal-merkanzija. Fir-rigward tat-tkomplija tat-trasport tal-passiġġieri, il-linji gwida dwar is-servizzi tat-trasport⁴⁷ u d-drittijiet tal-passiġġieri⁴⁸ jibqgħu

⁴⁰Il-Kummissjoni ressqet pakkett ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet biex tappoġġja lill-Istati Membri, b'ħarsa speċifika lejn it-turiżmu u t-trasport : https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/QANDA_20_870

⁴¹ Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa Jwaqqfu l-Pandemija: COVID-19: Riżorsi għall-postijiet tax-xogħol. (<https://osha.europa.eu/mt/themes/covid-19-resources-workplace>)

⁴²Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor skont il-Linji Gwida għall-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali, ĠU C 961, 24.3.2020, p. 1.

⁴³COVID-19: Linji gwida għal miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri li jipproteġu s-saħħa u li jiżguraw id-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi essenzjali, ĠU C 861, 16.3.2020, p. 1.

⁴⁴Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea: L-iffaċilitar tal-Operazzjonijiet tal-Merkanzija bl-Ajru waqt it-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU C 1001, 27.3.2020, p. 1.

⁴⁵Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COVID-19 Linji Gwida rigward l-eżerċitar tal-moviment liberu tal-ħaddiema, ĠU C 1021, 30.3.2020, p. 12.

⁴⁶Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Linji gwida dwar il-ħarsien tas-saħħa tal-baħħara, tal-passiġġieri u ta' persuni oħrajn li jkunu jinsabu abbord il-bastimenti u dwar ir-riparazzjoni u l-arranġamenti tal-ivvjaġġar tagħhom, ĠU C 119, 14.4.2020, p. 1.

⁴⁷Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Linji gwida rigward ir-restawr progressiv tas-servizzi tat-trasport u tal-konnettività – COVID-19, ĠU C 169, 15.5.2020, p. 17.

⁴⁸Avviż tal-Kummissjoni Linji Gwida Interpretattivi rigward ir-regolamenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-kuntest tas-sitwazzjoni li qed tiżviluppa b'rabta mal-COVID-19, ĠU C 891, 18.3.2020, p. 1.; Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/648 tat-13 ta' Mejju 2020 dwar vouchers offruti lill-passiġġieri u lill-vjaġġaturi bħala alternattiva għar-rimborż ta' pakketti tal-ivvjaġġar u servizzi tat-trasport ikkanċellati fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ĠU L 151, 14.5.2020, p. 10.

rilevanti u għandhom jiġu applikati skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika. Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE huma taħt valutazzjoni kontinwa. Huwa essenzjali li kwalunkwe tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar lejn l-UE ssir b'koordinazzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri tal-UE.

<u>Qasam ta' Azzjoni Miżuri mhux farmaċewtiċi</u>	
	Kronoloġija
<ul style="list-style-type: none"> ➤ Skambju f'waqtu tal-informazzjoni tal-Istati Membri dwar l-effettività tal-miżuri u kwalunkwe introduzzjonijiet mill-ġdid bħala reazzjoni għal tifqigħat sekondarji <i>Sit web u database għad-dħul tad-data se jiġu ospitati mill-JRC u se jiġu ppopolati mill-JRC u l-ECDC b'kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u se jkunu disponibbli għall-użu fl-immudellar, il-valutazzjoni tar-riskju u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri.</i> 	Minn Lulju sa Settembru
<ul style="list-style-type: none"> ➤ Manwal tal-UE dwar l-interventi mhux farmaċewtiċi kontra l-COVID-19 (ECDC u JRC) <i>Il-ġbir tal-aħjar Prattiki u gwida xjentifika infurmati b'riżultati ta' mmudellar biex jgħinu lill-Istati Membri bil-kalibrar ta' miżuri tas-saħħa pubblika (inkluż laqgħat tal-massa) abbażi ta' parametri, kriterji u skattaturi differenti.</i> 	Awwissu
<ul style="list-style-type: none"> ➤ Kondivizzjoni ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki relatati ma' qsim tal-fruntieri interni u esterni biex jiġu limitati l-konsegwenzi negattivi għal-libertà tal-moviment ta' persuni u oġġetti (il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri) 	Għadha għaddeja

5. Appoġġ għal gruppi vulnerabbli

Ċerti gruppi huma aktar vulnerabbli għall-virus minn oħrajn. Dan jirrigwarda tliet kategoriji: (1) medikament vulnerabbli — bħall-anzjani u dawk b'kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti (eż. pressjoni għolja, dijabete, obezià, eċċ.); u (2) soċjalment marġinalizzati — bħal dawk li jirrisjedu jew jaħdmu f'ċerti kumtenti fiżiċi suxxettibbli għal densità għolja u fejn diffiċli jinżamm it-begħid soċjali jew bli għandhom baġit finanzjarju mnaqqas għall-miżuri protettivi (bħan-nies fil-faqar) kif ukoll (3) professjonijiet li jinvolvu prossimità aktar mill-qrib għal każijiet ikkonfermati jew suspettati tal-COVID-19. Madwar nofs l-imwiet kollha f'xi Stati Membri kienu fost l-anzjani, b'mod partikolari fid-djar tal-kura. Barra minn hekk, il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat u aggravat l-inugwaljanzi eżistenti, inklużi żieda fil-każijiet ta' vjolenza domestika, u peress li din laqtet b'mod sproporzjonat lill-komunitajiet marġinalizzati tas-soċjetà tagħna. Jenħtieġ li tifqigħat oħra ma jwasslux għall-espansjoni tad-diverġenzi soċjoekonomiċi fis-soċjetajiet Ewropej. Minħabba l-firxa ta' gruppi differenti, il-miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa rispettiva tagħhom jeħtieġ għalhekk jiġu adattati għal kull speċifità, peress li f'kull każ se jkun hemm ħtiġijiet u rekwiżiti differenti. Dan jinkludi wkoll il-ħtiġijiet tagħhom fir-rigward tal-appoġġ tas-saħħa mentali, li jindirizza pereżempju l-iżolament u s-solitudni.

Ċirkustanzi speċifiċi jeħtieġu miżuri speċifiċi. Is-sitwazzjoni tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, ħaddiema f'ambjenti ta' kura fit-tul u ħaddiema oħra tal-ewwel linja, kif ukoll gruppi u kumtenti vulnerabbli bħal djar residenzjali, ser jeħtieġu monitoraġġ kontinwu u adegwat permezz ta' ttestjar regolari sabiex jiġi evitat aktar tixrid tal-virus f'dawn iċ-ċirkustanzi. Barra minn hekk, tifqigħat f'ambjenti bħall-biċċeriji, il-minjieri,⁴⁹ ċerti żoni bl-arja kundizzjonata, jeħtieġu l-iskjerament immedjat ta' kapaċitajiet ta' kontroll ta' tifqigħat biex

⁴⁹Dawn huma eżempji oħra attwali ta' ċirkustanzi fejn seħħu tifqigħat li iżda ma jxjenux il-possibbiltà ta' riskju ta' aktar tifqigħat f'ċirkustanzi oħra.

jiġi żgurat li tali tifqigħat jibqgħu lokalizzati. Komunitajiet ta' ħaddiema migranti jew staġjonali jeħtieġu wkoll attenzjoni speċifika.

<u>Qasam ta' Azzjoni Appoġġ għall-gruppi vulnerabbli</u>	
	Kronoloġija
➤ Ifasslu u jimplementaw testijiet b' densità għolja speċifika u strateġiji ta' ttestjar ta' livell baxx għal gruppi u ċirkustanzi vulnerabbli (l-Istati Membri u l-ECDC)	Lulju sa Awwissu
➤ Kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki fl-appoġġ għall-prevenzjoni, l-ittestjar u l-kura tal-COVID-19 fi gruppi soċjalment vulnerabbli u marġinalizzati u fi gruppi medikalment vulnerabbli (il-Kummissjoni Ewropea u l-ECDC)	Minn Lulju sa Settembru
➤ Il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki u l-ġhoti ta' appoġġ psikoloġiku u tas-saħħa mentali lil gruppi vulnerabbli suxxettibbli għall-COVID-19 (il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri)	Minn Lulju sa Settembru
➤ L-ġhoti ta' taħriġ speċifiku online lill-persunal fuq quddiem nett li jaħdem ma' gruppi vulnerabbli (ECDC)	Minn Lulju sa Settembru

6. It-tnaqqis tal-piż tal-influwenza staġjonali

Kull sena, l-influwenza staġjonali toħloq piż fuq is-sistemi tas-saħħa⁵⁰. Tifqigħat simultani ta' influwenza staġjonali u tal-COVID-19, ipoġġu pressjoni konsiderevoli fuq is-sistemi tas-saħħa. Għalhekk, attivitajiet li jnaqqsu l-piż tal-influwenza staġjonali — li jkopru, pereżempju, sorveljanza akbar, ittestjar, aċċess għall-vaċċini u dijanjosi differenzjali — jeħtieġu kunsiderazzjoni immedjata.

<u>Qasam ta' Azzjoni Mitigazzjoni tal-influwenza staġjonali</u>	
	Kronoloġija
➤ Żieda fil-kopertura tat-vaċċinazzjoni tal-influwenza: bidu antiċipat għal kampanji ta' vaċċinazzjoni u twessigħ tal-gruppi fil-mira (Stati Membri) <i>L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-antiċipazzjoni ta' kampanji ta' vaċċinazzjoni u t-twessigħ tal-gruppi fil-mira.</i>	Minn Lulju sa Settembru
➤ Jiġu żgurati akkwisti nazzjonali addizzjonali għall-vaċċini tal-influwenza (eż. permezz tal-produzzjoni eċċessiva tal-provvista) (l-Istati Membri)	Minn Lulju sa Settembru
➤ Gwida xjentifika għal infrastruttura tal-vaċċinazzjoni għall-influwenza staġjonali f' ċirkustanza ta' tifqigħa tal-COVID-19 (ECDC)	Lulju
➤ Tħejjija ta' infrastrutturi għall-vaċċinazzjoni adattati għall-influwenza staġjonali f' ambjent ta' tifqigħa tal-COVID-19 (eż. provvediment għal adozzjoni ta' tilqim potenzjalment iktar mifrux kontra l-influwenza staġjonali) (Stati Membri)	Minn Lulju sa Settembru
➤ L-iskambju tal-aħjar Prattiki fil-programmi nazzjonali ta' immunizzazzjoni għall-influwenza (il-Kummissjoni Ewropea u l-ECDC) <i>Dan jista' jinkludi pjanijiet adattati għall-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza staġjonali f' tifqigħa tal-COVID-19, jantiċipa d-domanda tal-popolazzjoni u jiżgura l-vaċċinazzjoni f'każ ta' konfinament.</i>	Minn Lulju sa Settembru
➤ Żieda fil-kopertura tal-vaċċinazzjoni permezz ta' kampanji ta'	Settembru/Ottubru

⁵⁰B' madwar 40.000 mewta fl-istaġun 2018/19 fl-UE.

sensibilizzazzjoni mmirati fuq il-postijiet tax-xogħol (EU-OSHA)	
➤ Linji gwida għall-ġestjoni klinika u protokoll ta' trattament għad-dijanjożi differenzjali u l-ġestjoni tal-influenza u tal-COVID-19 (ECDC)	Lulju

III. KONKLUŻJONI

L-UE għandha tiżgura li tkun lesta għal żieda ġdida possibbli ta' każijiet tal-COVID-19. Dan jirrikjedi azzjoni fuq perjodu qasir ta' żmien u azzjoni kkoordinata b'mod qawwi biex jissaħħu l-oqsma ewlenin ta' tħejjija u rispons. L-identifikazzjoni bikrija tal-każijiet u rispons rapidu biex jiġi evitat aktar tixrid, flimkien ma' miżuri speċifiċi li jiproteġu lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli fis-soċjetajiet tagħna, bħalissa huma l-aħjar mod biex nevitaw li jergġhu jiddaħħlu restrizzjonijiet fuq skala kbira bħalma huma l-lockdowns. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma li għaddejja bħalissa fl-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-UE, din il-Komunikazzjoni stabbiliet l-azzjonijiet meħtieġa li għandhom jittieħdu.

Dawn l-isforzi għandhom ikunu sostnuti minn evidenza robusta u sforzi estensivi ta' komunikazzjoni pubblika. Il-prevenzjoni ta' mewġa ġdida ta' każijiet tiddependi ħafna fuq l-imġiba individwali u l-aderenza mar-rakkomandazzjonijiet tas-saħħa pubblika. Viġilanza sostnuta minn kulħadd hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-qofol tal-prekawzjonijiet bażiċi individwali jibqa' dejjem fis-seħħ. Dan, min-naħa tiegħu, jiddependi mill-aċċettazzjoni u l-fehim tal-pubbliku tan-natura msejsa fuq is-sod u l-importanza ta' dawn il-miżuri. Il-monitoraġġ tal-grad ta' aċċettazzjoni soċjali u l-indirizzar ta' tħassib soċjetali bikri ser ikunu fattur determinanti tal-iżviluppi futuri. Dawn l-isforzi ta' komunikazzjoni jinvolvu wkoll rispons sistematiku u immedjat għad-diżinformazzjoni dwar il-pandemija tal-coronavirus⁵¹, filwaqt li għandhom isiru wkoll aktar sforzi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika tal-infrastruttura tas-saħħa ewlenija. F'każ li Stat Membru jintroduċi mill-ġdid miżuri ta' emerġenza, dawn għandhom jiffasslu b'mod imrażżan u limitat li ma jostakolax l-istat tad-dritt u d-demokrazija parlamentari.

Il-virus ma jiqafx mal-fruntieri tal-UE u huwa għalhekk li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jipprovdu aktar minn EUR 36 biljun f'għajjnuna ta' emerġenza, pontijiet għall-għajjnuna umanitarja u appoġġ fit-tul lil pajjiżi terzi fil-bżonn. Hija waqfiet ukoll Pont tal-Għajjnuna Umanitarja tal-UE biex iżżomm rabtiet ta' trasport vitali għall-ħaddiema u l-provvisti umanitarji u ta' emerġenza fil-qasam tas-saħħa.

Għalhekk, l-isforzi għandhom ikomplu b'koordinazzjoni ma' atturi globali oħra, inklużi n-NU u d-WHO, biex jiġi żgurat ir-rispons internazzjonali meħtieġ għal din it-theddida globali għas-saħħa, inkluż l-aċċess ekwu għal vaċċin tal-COVID-19. Dan jeħtieġ jimxi id f'id mal-isforzi biex jiġu indirizzati l-impatti soċjoekonomiċi ta' din il-kriżi, li jheddu li jħottu l-progress li sar fil-kisba tal-SDGs kif ukoll l-investiment fir-reżiljenza tal-pajjiżi sħab, b'mod partikolari permezz ta' tisħiħ tas-sistema tas-saħħa, li b'hekk jirfed l-irkupru globali⁵². Dan huwa l-uniku mod biex tintemm il-kriżi pandemika attwali fl-UE u globalment.

Aktar minn kull sena oħra, trid tingħata attenzjoni biex jitnaqqas l-impatt tal-influenza staġjonali tal-2020/2021 u jridu jiddaħħlu fis-seħħ attivitajiet minn issa biex dan ix-xenarju jittaffa. L-effetti kkombinati ta' tifqigħat simultanji tal-COVID-19 li jaħbtu ma' staġun

⁵¹KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI — Nindirizzaw id-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 - X'inhuma l-fatti
COM/2020/8 final

⁵²Il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet appoġġ addizzjonali għall-kollaborazzjoni internazzjonali b'rispons għall-COVID-19, fost oħrajn permezz ta' appoġġ għall-appell tad-WHO għal kollaborazzjoni globali għal żvilupp aċċellerat, produzzjoni u Aċċess globali ekwu għall-Għodod tal-COVID-19 — l-Aċċeleratur ACT, b'mod partikolari permezz tal-Kummissjoni u s-sħab globali li jagħtu bidu għar-rispons Globali kontra l-Coronavirus (kampanja globali ta' impenji)

qawwi tal-influwenza jistgħu jkomplu jagħfsu fuq il-limiti tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħna.

Il-Kummissjoni Ewropea se tkompli taħdem id f'id mal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-COVID-19. Flimkien, ser inkompli niffinanzjaw ir-riċerka biex jitbassru l-firxa u l-rizurgenza u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kontromiżuri mediċi meħtieġa. Se nipromwovu wkoll l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki lokali tajbin. Permezz ta' pjan ta' rkupru ambizzjuż appoġġat minn baġit ġdid fit-tul għall-2021-27 u l-istrument tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss, l-Ewropa se tinvesti wkoll biex tiżgura l-irkupru u r-reżiljenza tagħha kontra tifqigħat futuri possibbli tal-COVID-19, tappoġġa bidliet strutturali fis-sistemi tal-kura tas-saħħa u ssaħħaħ is-sistemi u l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni. L-Ewropa se tieħu t-tagħlimiet mill-kriżi tal-COVID-19 biex tiżgura li tkun aktar b'saħħitha, aktar magħquda u mgħammra aħjar biex taffronta kriżijiet futuri.